IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2014
COM(2014) 649 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 6
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014

DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL

DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsima III – Il-Kummissjoni
Taqsima VIII - L-Ombudsman Ewropew

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 6
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014

DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL

DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsima III – Il-Kummissjoni
Taqsima VIII - L-Ombudsman Ewropew

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 adottat fl-20 ta' Novembru 2013[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2014[4] adottat fis-16 ta' April 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2014[5], adottat fil-15 ta' April 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014[6], adottat fit-28 ta' Mejju 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2014[7], adottat fid-9 ta' Lulju 2014, kif emendat fis-16 ta' Ottubru 2014[8],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2014[9], adottat fit-8 ta' Settembru 2014,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità baġitarja l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-baġit tal-2014.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
3 ĠU L 51, 20.2.2014, p. 1.
4 ĠU L 204, 10.7.2014, p.1.
5 COM(2014) 234, 15.4.2014.
6 COM(2014) 329, 28.5.2014.
7 COM(2014) 461, 9.7.2014.
8 COM(2014) 641, 16.10.2014.
9 COM(2014) 564, 8.9.2014.

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3

2. RIŻORSI PROPRJI 3

2.1. Riżorsi Proprji Tradizzjonali 3
2.2. Bilanċi tar-Riżorsi Proprji tal-VAT u tal-ING 3
2.3. Kontribuzzjonijiet tar-Riżorsi Proprji tal-ING 4

3. BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT (TAQSIMA III) 4

3.1. Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (Intestatura 2) 4
3.2. Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (Intestatura 2) 5
3.3. Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (Intestatura 4) 5

4. OMBUDSMAN EWROPEW (TAQSIMA VIII) 5

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 6

1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 6 għas-sena 2014 jirrigwarda dan li ġej:

– Reviżjoni tal-previżjoni tal-bilanċi tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (dazji doganali), u r-riżorsi proprji tal-VAT u tal-ING.

– Tnaqqis fl-approprjazzjonijiet baġitarji relatati mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-riżerva għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli, għal ammont totali ta' EUR 76,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 6,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Qed jiġi propost li jiġu riallokati l-approprjazzjonijiet ta' pagament relatati għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza.

– Żieda fl-approprjazzjonijiet baġitarji, kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti ta' EUR 93 500 għall-Ombudsman Ewropew, sabiex jiġi żgurat li r-remunerazzjonijiet kollha tas-salarji dovuti fl-2014 jkunu jistgħu jitħallsu sal-aħħar tas-sena.

L-impatt globali f'termini ta' nefqa huwa tnaqqis ta' EUR 76,2 million f'approprjazzjonijiet ta' impenn, u żieda ta' EUR 93 500 f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-impatt globali f'termini ta' dħul, huwa tnaqqis fir-rekwiżiti għar-Riżorsi Proprji ta' EUR 9 527,7 miljun. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni skont l-Istat Membru hija aġġustata.

2. RIŻORSI PROPRJI

F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000[10], il-Kummissjoni rrevediet il-previżjonijiet dwar ir-riżorsi proprji. Dan jirreferi b'mod partikolari għall-bilanċi tar-riżorsi proprji tradizzjonali u tal-VAT (taxxa fuq il-valur miżjud) u tal-ING (introjtu nazzjonali gross).

2.1. Riżorsi Proprji Tradizzjonali:

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li żżid ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) b'EUR 420 miljun fil-kapitolu 12 tad-dħul biex tirrifletti x-xejra fid-dazji tad-dwana magħmula disponibbli għall-baġit sa issa. Jekk dejta ġdida għall-aħħar kwart tas-sena timplika tibdil sinifikanti għal din l-istima, il-Kummissjoni tista' tirrevedi ċ-ċifri tagħha fil-kors tal-proċedura baġitarja.

2.2. Bilanċi tar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-ING

F'dak li jikkonċerna l-bilanċi tar-riżorsi proprji tal-VAT u l-ING ta' snin preċedenti, u abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tipproponi li jiddaħħal l-ammont negattiv ta' EUR 285 miljun għall-bilanċi tal-VAT u ammont pożittiv ta' EUR 9 813 miljun għall-bilanċi tal-ING, b'impatt globali ta' EUR 9 528 miljun, u dan iwassal għal tnaqqis li jikkorrispondi ma' dan fil-kontribuzzjoni tal-ING tal-Istati Membri[11]. Din iż-żieda tikkonċerna l-kapitoli 31[12] u 32[13] tan-naħa tal-introjtu tal-baġit. L-ammont ta' bilanċi tal-ING huwa eċċezzjonalment għoli minħabba l-ħidma mwettqa mill-Istati Membri biex jiżguraw li jitneħħew ir-riżervi DGN eżistenti minbarra reviżjonijiet kbar tad-dejta tal-ING li saru minn xi whud minnhom.

F'dan l-istadju l-kalkoli għall-bilanċi tal-Istati Membri huma biss temporanji minħabba fl-awditu li jinsab għaddej tad-dejta tal-VAT u l-ING. Dan jista' jwassal lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi ċ-ċifri matul il-proċedura li tirrigwarda dan l-ABE.

---

10 ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1.

11 L-ibbaġittjar ta' dan l-ammont huwa maħsub li jibbilanċja l-impatt finanzjarju għall-Istati Membri tal-bilanċi tal-VAT u l-ING li huma għandhom jagħmlu disponibbli fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru 2014.

12 Bilanċi u Aġġustamenti ta' bilanċi fuq il-VAT għas-snin finanzjarji preċedenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-artikolu 10(4), (5) u (8) tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1150/2000.

13 Bilanċi u Aġġustamenti ta' bilanċi fuq l-introjtu/prodott nazzjonali gross għas-snin finanzjarji preċedenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-artikolu 10(6) sa (8) tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1150/2000.

2.3. Kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tal-ING

Meta jitqiesu l-previżjonijiet riveduti għall-bilanċi tar-riżorsi proprji tradizzjonali, il-VAT u l-ING kif stipulat hawn fuq, l-impatt globali li jirriżulta fuq il-kontribuzzjonijiet tal-ING tal-Istati Membri ta' dan l-ABE 6/2014 huwa tnaqqis ta' EUR 9 947,7 miljun.

Stat Membru	Abbozz ta' baġit emendatorju Nru. 5/2014	Abbozz ta' baġit emendatorju Nru. 6/2014	Ammont ġdid
Il-Belġju	2 920 454 359	- 289 405 330	2 631 049 029
Il-Bulgarija	297 197 481	- 29 451 080	267 746 401
Ir-Repubblika Ċeka	1 010 207 025	- 100 107 470	910 099 555
Id-Danimarka	1 974 528 487	- 195 667 864	1 778 860 623
Il-Ġermanja	21 577 311 887	-2 138 225 185	19 439 086 702
L-Estonja	138 414 059	- 13 716 279	124 697 780
L-Irlanda	1 067 000 044	- 105 735 430	961 264 614
Il-Greċja	1 338 133 757	- 132 603 695	1 205 530 062
Spanja	7 650 473 560	- 758 131 287	6 892 342 273
Franza	15 929 748 815	-1 578 574 303	14 351 174 512
Il-Kroazja	314 195 881	- 31 135 553	283 060 328
L-Italja	11 727 836 170	-1 162 181 591	10 565 654 579
Ċipru	114 142 533	- 11 311 068	102 831 465
Il-Latvja	183 133 065	- 18 147 753	164 985 312
Il-Litwanja	259 834 181	- 25 748 526	234 085 655
Il-Lussemburgu	241 820 995	- 23 963 492	217 857 503
L-Ungerija	728 746 903	- 72 215 899	656 531 004
Malta	52 399 087	- 5 192 539	47 206 548
Il-Pajjiżi l-Baxxi	4 649 296 143	- 460 726 626	4 188 569 517
L-Awstrija	2 393 635 627	- 237 199 703	2 156 435 924
Il-Polonja	2 925 159 273	- 289 871 568	2 635 287 705
Il-Portugall	1 231 673 537	- 122 053 914	1 109 619 623
Ir-Rumanija	1 074 854 216	- 106 513 748	968 340 468
Is-Slovenja	262 105 545	- 25 973 610	236 131 935
Is-Slovakkja	539 994 575	- 53 511 300	486 483 275
Il-Finlandja	1 475 419 202	- 146 208 133	1 329 211 069
L-Isvezja	3 258 647 238	- 322 918 889	2 935 728 349
Ir-Renju Unit	15 047 915 871	-1 491 188 191	13 556 727 680
Artikolu 1 4 0 — Total	100 384 279 516	-9 947 680 026	90 436 599 490

3. BIDLIET F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT (TAQSIMA III)

3.1. Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (Intestatura 2)

Minħabba l-adozzjoni tard tal-bażi ġuridika għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, numru ta' azzjonijiet li kienu ppjanati mhumiex se jsiru kif mistenni fl-2014.

Il-baġit għan-nefqa amministrattiva u ta' appoġġ (partita tal-baġit 11 01 04 01), inizjalment propost fuq il-bażi ta' sena sħiħa, mhuwiex se jintefaq kollu. Bl-istess mod, il-kontribuzzjoni għall-aġenzija eżekuttiva għal Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (partita tal-baġit 11 01 06 01), li se tirċievi d-delega għall-ġestjoni ta' parti mill-programm, tista' titnaqqas, billi r-reklutaġġi se jsiru aktar tard milli kien maħsub oriġinarjament. Iż-żewġ linji tal-baġit jikkonċernaw nefqa mhux differenzjata, u l-EUR 1,6 miljun li jikkorrispondu magħhom se jsiru disponibbli f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

L-adozzjoni tard tal-bażi ġuridika dewmet ukoll l-implimentazzjoni tan-nefqa operattiva tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) f'ġestjoni diretta. Tnaqqis ta' EUR 2,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn huwa propost għall-*Governanza u l-Komunikazzjoni* (partita tal-baġit 11 06 62 04), billi l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni ġew posposti u erba' kunsilli konsultattivi għadhom mhux ser ikunu operattivi sa tmiem l-2014. Tnaqqis ta' (EUR 0,9 miljun) jista' jsir ukoll f'impenji għal *Pariri u għarfien xjentifiċi* (partita tal-baġit 11 06 62 01).

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor l-effett tal-ABE 6/2014 fuq il-linji korrispondenti tal-baġit:

(f'EUR)

	Baġit 2014		Abbozz ta' Baġit ta' Emenda Nru 6/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE 6/2014)	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
— Nefqa ta' sostenn għal affarijiet marittimi u sajd - Assistenza teknika u amministrattiva mhux operattiva (11 01 04 01)	4 100 000	4 100 000	- 774 900	- 774 900	3 325 100	3 325 100
— Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju - Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) (11 01 06 01)	1 592 000	1 592 000	- 809 000	- 809 000	783 000	783 000
— Pariri u għarfien xjentifiċi (11 06 62 01)	14 349 220	21 639 419	- 936 000		13 413 220	21 639 419
— Governanza u Komunikazzjoni (11 06 62 04)	6 809 400	4 857 767	- 2 765 500		4 043 900	4 857 767
Totali	**26 850 620**	**32 189 186**	**- 5 285 400**	**- 1 583 900**	**21 565 220**	**30 605 286**

3.2. Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (Intestatura 2)

Wara analiżi tal-istatus tan-negozjati marbuta mal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-evalwazzjoni tad-dati possibbli tad-dħul fis-seħħ, fl-ABE 3/2014 il-Kummissjoni diġà identifikat ammont ta' EUR 65 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament li jistgħu jiġu rilaxxati mir-riżerva rilevanti (40 02 41). Wara valutazzjoni aġġornata, issa jidher li ammont ulterjuri ta' EUR 4,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament jistgħu jiġu rilaxxati u huma disponibbli għat-tqassim mill-ġdid. Dan l-ammont ma ġiex inkluż fit-Trasferiment Globali (DEC 31/2014), billi ammonti f'riżerva mhumiex eliġibbli għal trasferiment għal linja baġitarja oħra. Dan jirrifletti t-tnaqqis ġenerali fi ħlasijiet mil-linja ta' riżerva proposta fl-ABE 3/2014 u f'dan l-ABE 6/2014, il-EUR 71 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fir-riżerva jistgħu jitnaqqsu wkoll.

(f'miljuni ta' EUR)

Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli	Baġit 2014 (ABE 3 inkluż)		Abbozz ta' Baġit ta' Emenda Nru 6/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE 6/2014)	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
Riżerva (40 02 41)	115 342 000	47 342 000	-71 000 000	-4 567 000	44 342 000	42 775 000

3.3. Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (Intestatura 4)

Il-Kummissjoni tipproponi ċ-ċaqliq tal-ammont ta' EUR 6,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament identifikati fit-taqsimiet 3.1 u 3.2 hawn fuq, għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, biex tgħin biex jiġu ffaċċati kriżijiet umanitarji possibbli sal-aħħar tas-sena.

(f'miljuni ta' EUR)

Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza	Baġit 2014 (ABE 3 inkluż)		Abbozz ta' Baġit ta' Emenda Nru 6/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE 6/2014)	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
Riżerva (40 02 42)	297 000 000	150 000 000		6 150 900	297 000 000	156 150 900

4. OMBUDSMAN EWROPEW (TAQSIMA VIII)

F'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-Ombudsman Ewropew talab abbozz ta' baġit emendatorju.

Il-baġit awtorizzat għall-2014 ma għamilx dispożizzjonijiet għall-aġġustament tas-salarji mill-1 ta' Lulju 2012. Madankollu, iż-żieda fis-salarji għall-2012 li finalment ġiet deċiża f'April 2014, inkluż l-effett retroattiv tagħha mill-1 ta' Lulju 2012, irriżultat f'infiq addizzjonali li jammonta għal EUR 193 800 fir-rigward tar-remunerazzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-Ombudsman Ewropew fl-2014. Dan huwa ammont sinifikanti (+3 % tal-approprjazzjonijiet awtorizzati relatati mas-salarju) għal istituzzjoni b'baġit relattivament żgħir bħall-Ombudsman Ewropew, li għaliha l-biċċa l-kbira tal-infiq huwa marbut ma' obbligi kuntrattwali.

L-Ombudsman Ewropew diġà għamel sforz determinat biex jassorbi kemm jista' jkun minn din in-nefqa addizzjonali, b'mod partikolari permezz tar-riallokazzjoni ta' fondi maħsuba għal skopijiet oħra fil-baġit tal-2014. Talba għal trasferiment sabiex tkopri aktar minn 50 % tal-bżonnijiet kienet approvata mill-Awtorità tal-Baġit f'Settembru. Madankollu, mingħajr iż-żieda ta' EUR 93 500 issa

mitluba għal approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament, l-Ombudsman Ewropew mhux se jkun kapaċi jiżgura li r-remunerazzjonijiet kollha dovuti fl-2014 ikunu jistgħu jitħallsu qabel tmiem is-sena.

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2014 (inklużi l-BE 1 u l-ABE 2-5/2014)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6/2014		Baġit 2014 (inklużi l-BE 1 u l-ABE 2-6/2014)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inkluziv	**63 986 340 779**	**66 374 487 058**			**63 986 340 779**	**66 374 487 058**
Limitu	*63 973 000 000*				*63 973 000 000*	
Marġni	*75 989 221*				*75 989 221*	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	16 484 010 779	12 028 322 326			16 484 010 779	12 028 322 326
Limitu	*16 560 000 000*				*16 560 000 000*	
Marġni	*75 989 221*				*75 989 221*	
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	47 502 330 000	54 346 164 732			47 502 330 000	54 346 164 732
Limitu	*47 413 000 000*				*47 413 000 000*	
Marġni	*-89 330 000*				*-89 330 000*	
Strument ta' Flessibbiltà	*89 330 000*				*89 330 000*	
Marġni	0				*0*	
2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	**59 267 214 684**	**56 564 930 369**	**-76 285 400**	**-6 150 900**	**59 190 929 284**	**56 558 779 469**
Limitu	*59 303 000 000*				*59 303 000 000*	
Marġni	*35 785 316*				*112 070 716*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti	43 778 100 000	43 776 956 403			43 778 100 000	43 776 956 403
Sottolimitu	*44 130 000 000*				*44 130 000 000*	
Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*351 900 000*				*351 900 000*	
Marġni						
3. Sigurtà u ċittadinanza	**2 171 998 732**	**1 677 039 976**			**2 171 998 732**	**1 677 039 976**
Limitu	*2 179 000 000*				*2 179 000 000*	
Marġni	*7 001 268*				*7 001 268*	
4. Ewropa Globali	**8 325 000 000**	**6 842 004 256**			**8 325 000 000**	**6 842 004 256**
Limitu	8 335 000 000				8 335 000 000	
Marġni	*10 000 000*				*10 000 000*	
5. Amministrazzjoni	**8 404 517 081**	**8 405 389 881**	**93 500**	**93 500**	**8 404 610 581**	**8 405 483 381**
Limitu	*8 721 000 000*				*8 721 000 000*	
Marġni	*316 482 919*				*316 389 419*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	6 797 392 438	6 798 265 238	93 500	93 500	6 797 485 938	6 798 358 738
Sottolimitu	*7 056 000 000*				*7 056 000 000*	
Marġni	*258 607 562*				*258 514 062*	
6. Kumpens	**28 600 000**	**28 600 000**			**28 600 000**	**28 600 000**
Limitu	*29 000 000*				*29 000 000*	
Marġni	*400 000*				*400 000*	
Totali	**142 183 671 276**	**139 892 451 540**	**-76 191 900**	**-6 057 400**	**142 107 479 376**	**139 886 394 140**
Limitu	***142 540 000 000***	***135 866 000 000***			***142 540 000 000***	***135 866 000 000***
Strument ta' Flessibbiltà	***89 330 000***				***89 330 000***	
Marġni ta' Kontinġenza		***4 026 700 000***				***4 026 700 000***
Marġni	***445 658 724***	***248 460***			***521 850 624***	***6 305 860***
Strumenti Speċjali	**503 179 528**	**396 998 528**		**6 150 900**	**503 179 528**	**403 149 428**
Total Kumplessiv	**142 686 850 804**	**140 289 450 068**	**-76 191 900**	**93 500**	**142 610 658 904**	**140 289 543 568**